MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2007

Numru. 273/2002

Il-Pulizija
(Spettur Jesmond Borg)

vs

Brian Fenech

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Brian Fenech ta' 33 sena (18.10.1974), li ghandu I.D. card 512574(M) bin Angelo u Maria Dolores imwielda Borg, imwieled Pieta' u joqghod 'Angdor', Triq iz-Zejtun, Marsaxlokk, li gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'Marsaxlokk fis-7 ta' April, 2002 ghall-habta ta' l-4.15 ta' wara nofsinhar minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Louis Zammit minn Marsaxlokk f'periklu car,

ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ l-istess Louis Zammit skond ma ccertifika Dr J Agius Muscat M.D. liema feriti igibu mankament jew sfreggju fil-wicc, u fl-ghonq u li jistghu jgibu periklu tal-hajja ta’ l-istess Louis Zammit bi ksur ta’ l-artikolu 216 (1) a (1) u (b) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Barra minn dan akkuzat ukoll talli:

(i) fl-istess cirkustanzi volontarjament kiser il-Bon Ordni u l-kwiet tal-Pubbliku bi ksur ta’ l-artikolu 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

ii) U aktar akkuzat talli fl-istess cirkustanzi qal kliem oxxen, indecenti u dagha bi ksur ta’ l-artikolu 338 (bb);

iii) U aktar akkuzat talli fl-istess cirkustanzi wabbad gebel jew oggetti iebsin b’periklu ghan-nies bi ksur ta’ l-artikolu 339 (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(iv) U aktar talli akkuzat talli fl-sitess gurnata, lok u hin ghamel rezistenza bi vjolenza jew hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-persuna ta’ diversi Pulizija bi ksur ta’ l-artikolu95 u 96 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(v) Barra minn dan fl-istess cirkustanzi, saq vettura meta kien fi stat ta’ sokor;

(vi) Akkuzat ukoll talli fl-istess cirkustanzi kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati b’sentenzi tat-3 ta’ Mejju, 2000, 31 ta’ Mejju, 2000 u 25 ta’ Lulju, 2000.

Rat in-nota ta l-Avukat Generali tal-15 ta’Lulju, 2002 li permezz taghha deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

(a) Fl-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-artikoli 338 (dd), 338(bb), 339(1)(c) tal-Kodici Kriminali;
(c) Fl-artikoli 95,96 tal-Kodici Kriminali;

(d) Fl-artikoli 49,50 tal-Kodici Kriminali;
(e) Fl-artikoli 15(A), 15(H) tal-Kapitolu 65;
(f) Fl-artikolu 10(1)(a) tal-Kapitolu 152

Semghet lill-imputat fuq imsemmi jwiegeb illi ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti.

Rat l-atti ta’din il-kawza, d-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ dan il-procediment.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 t’April, 2006 fejn Dr. Michael Sciriha ghall-parte civile ddikjara li l-istess Parte Civile kien qed jahfer lill-imputat u kien qed jirrinunzja ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli fil-konfronti tieghu.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi rrizulta li fis-7 t’April, 2002, kien inqala’ ncident hdejn il-kazin tal-football ta’Marsaxlokk. L-ispettur Jesmond Borg li xehed fis-seduta tat-23 t’Ottubru, 2003 xehed li fl-imsemmija data certu Louis Zammit kien ghamel rapport l-Ghassa ta’ B’Bugia li wara li hu u shabu kienu telqu mill-kazin tal-futbol ta’Marsaxlokk, dawn kienu gew attakkati mill-imputat Brian Fenech u dan ta l-ahhar kien ikkawza griehi ta’ natura gravi fuq l-imsemmi Louis Zammit.  Mill-provi rrizulta li Louis Zammit u shabu Charlo Fenech, Ludvic Carabott u Stephen Caruana kienu telqu mill-kazin ta’ Marsaxlokk u l-imputat segwihom u tefa’ cangun imdaqqas fid-direzzjoni taghhom izda ma laqathomx.  Huwa mbaghad qabad flixkun tal-Budweiser, kisru mac-cangun li kien ghadu kemm waddab fid-direzzjoni taghhom, u utilizza dan il-flixkun imkisser sabiex jattakka lil Louis Zammit u lil shabu. L-imputat irrnexxielu jaqbad lil Louis Zammit b’tali mod li dan ma setghax jahrab u dawwarlu l-flixkun mkisser ma wiccu u kkawzalu griehi f’wiccu.

Dr Joseph Agius Muscat li xehed fis-seduta tas-27 ta’ Marzu, 2002 ikkonferma li huwa kien ezamina lil Louis Zammit fil-polyclinic ta’ Rahal Gdid u ccertifika l-griehi bhala ta’natura gravi.

Meta l-Pulizija rrceviet dan ir-rapport maghmul minn Louis Zammit, marret fil-residenza ta l-imputat fejn gew infurmati li l-istess imputat kien ghadu kemm ha l-vettura ta’ missieru bin-numru tar-registrazzjoni FAD082 wara li ta xebgha lil missieru. L-ispettur Joseph Agius mill-Ghassa taz-Zejtun ghalhekk ordna l-arrest immedjat ta l-imputat izda l-imputat ma setghax jigi rintraccjat. Aktar tard matul il-gurnata l-Pulizija taz-Zejtun irrcevew telefonata fejn gew infurmati li l-imputat kien qieghed wara l-bieb ta l-gharusa tieghu f’Sir Anton Buttigieg Street, iz-Zejtun. Marru mmedjatament fuq il-post PS1386 u PC841 fejn sabu lill-imputat u dan malli rahom harab minn fuq il-post u dan nonostante li huwa gie moghti diversi ordnijiet sabiex jieqaf. Sussegwentement huwa gie arrestat wara li offra rezistenza.

Mix-xhieda ta’ Louis Zammit, Ludvic Carabott, Stephen Caruana u Charlo Fenech li lkoll xehdu fis-seduta tas-27 ta’Marzu 2002, irrizulta lil hinn minn kwalunkwe dubju dettat mir-raguni li l-imputat kien attakkhom minghajr ebda raguni u minghajr ma kien hemm ebda provokazzjoni da parti taghhom. Dawn xehdu li meta kienu l-kazin kienu qed jigu provokati mill-imputat u huma sabiex jevitaw l-inkwiet ghazlu li jitilqu izda l-imputat hareg warajhom u attakhom. Huma qalu wkoll li l-imputat beda jipprovoka diversi nies ohra li kienu fil-kazin u dan ghall-ebda raguni.

Mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat li tinsab esebita a folio 78 tal-process jirrizulta li dan kien qal li huwa ma kien jiftakar xejn dwar l-incident peress li kien fi stat ta’ sokor izda huwa ftakar li kien ha l-vettura ta’ missieru wara li wkoll kellu xi jghid ma’ missieru. Meta xehed fis-seduta tal-21 ta’Jannar, 2004, l-imputat Brian Fenech ikkonferma li huwa kien fi stat ta’ sokor u qal ma jiftakar xejn dwar l-incident. Huwa qal ukoll li meta kien quddiem id-dar tat-tfajla telaq jigri meta ra lill-Pulizija ghaliex dawn bdew jigru warajh izda qal ukoll li ma offriex resistenza.

Il-Qorti wara li fliet bir-reqqa l-provi jidrilha li l-Prosekuzzjoni rrnexxielha tipprova l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tal-imputat b'mod skjaccanti u certament lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni kif rikjest fil-kamp kriminali. Del resto l-imputat stess jammetti li huwa kien fi stat ta'sokor kbir meta sehh l-incident u li huwa saq il-vettura ta'missieru waqt li kien fi stat ta'sokor, ghalkemm huwa jghid ukoll li ma jiftakar xejn dwar l-incident li nqala. Kif diga' ntqal aktar il-fuq irrizulta b'mod inekwivokabbli mix-xhieda ta' Louis Zammit u ta' shabu li l-imputat kien attakkhom u kien ikkaguna griehi ta'natura gravi fuq Louis Zammit. Irrizulta wkoll li huwa kien kiser il-buon ordni u l-paci pubblika, li huwa tefa kantun fid-direzzjoni ta' Zammit u shabu, li huwa qal kliem oxxen fil-pubbliku, li huwa offra rezistenza bi vjolenza kontra l-Pulizija meta dawn ippruvaw jarrestawh, li huwa saq vettura waqt li kien fi stat ta' sokor u li huwa kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu permezz ta' tlett sentenzi moghtija minn din il-Qorti kif diversement presjeduta.

Il-Qorti ghalhekk tiddikjara li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-Parti Civili Louis Zammit kien hafer lill-imputat u rrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tieghu u ghalhekk dehrilha li l-piena karcerarja mhix idoneja fic-cirkostanzi.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-15 ta'Lulju, 2002 u l-Artikolu 17, 31, 28A u 252 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti u tikkundannah ghal prigunerija ta'sena sospiza ghal sentejn millum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati fi kliem car bir-responsabilta' tieghu skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta' prigunerija matul il-perjodu operattiv ta'din is-sentenza sospiza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------